**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 313/97

Carmel Calleja

vs

Direttur tad-Dipartiment Ghall-Harsien Socjali, Management and Personnel Office, Ufficcju tal-Prim Ministru, il-Kummissjoni tas-Servizz Pubbliku

Illum 16 ta' Mejju, 2001.

It-Tribunal,

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' 1987 huwa sofra ingustizzja f'li qala' transfer vendikattiv.

Illi l-fatti tal-kaz huma fil-qosor kif gej. Ir-rikorrent dahal fis-serivzz pubbliku bhala registry clerk fl-1976 fid-Dipartiment tas-Servizzi Socjali. Wara sena, ir-rikorrent gie trasferit fit-Taqsima ta' l-Ghajnuna Medika bhala assessur. Ftit qabel l-elezzjoni ta' l-1981 l-E.T. Sinjorina Agatha Barbara talbet lir-rikorrent sabiex imur iservi fis-Segretarjat taghha. Ir-rikorrent tant qeda dmiru sew u tant kien leali lejn xogholu li t-tlett Ministri ta' wara l-ET Barbara zammewh fl-istess post.

Illi ftit wara l-elezzjoni ta' l-1987 ir-rikorrent inghata transfer ghad-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici, minflok intbaghat f'sezzjoni ohra tad-Dipartiment kif fil-fatt inghataw shab ir-rikorrent li kienu mieghu fis-Segretarjat. Kawza ta' dan it-transfer, ir-rikorrent sofra finanzjarament peress li fejn intbaghat ma setax jaghmel izjed overtime. Ir-rikorrent isostni li huwa inghata dan it-transfer minhabba l-fehmiet politici tieghu.

Illi r-rikorrent kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku anness li jinkika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent talab illi dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi jinghata kumpens ghad-disa' snin u nofs overtime li tilef u f'li jerga jigi trasferit fid-Dipartiment ghall-Harsien Socjali, jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata,

li jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' kif tiddeciedi l-Qorti.

Ra l-lista ta' xhieda tar-rikorrent.

Ra r-risposta ta' tad-Direttur tad-Dipartiment ghall-Harsien Socjali illi eccepixxa:

Illi mhux minnu li r-rikorrent sofra xi ingustizzja jew trasferiment vendikattiv billi huwa principju bazilari fis-Servizz Civili li ghandha tezisti mobilita' ta' l-impjegati fl-ahjar uzu tar-rizorsi umani u thaddim effettiv tas-Servizz.

Ghaldaqstant l-intimat talab li dan it-Tribunal joghgbu jichad it-talbiet tar-rikorrent.

Ra l-elenku tax-xhieda ta' l-intimat.

Ra r-risposta tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku li eccepiet:

Illi l-allegazzjonijiet u l-ilmenti kollha tar-rikorrent m' ghandhom ebda relazzjoni ma' l-operat tal-Kummissjoni u din ma taf xejn dwarhom.

Ra r-risposta tad-Direttur Generali tal-Management and Personnel Office li eccepixxa:

Illi t-talba li qed issir kontra tieghu hija intempestiva fit-termini ta' l-Artikolu 9 ta' l-Att VIII tal-1997.

Subordinatament fil-mertu l-intimat jaghmel referenza u jaddotta r-risposta diga pprezentata mill-intimati l-ohra appartenenti ghas-settur pubbliku.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

Illi r-rikorrent prezenta affidavit fejn ikkonferma l-fatti msemmija fir-rikors. Semma li ftit qabel l-elezzjoni tal-1981 gie offrut li jservi fis-segretarjat tal-Ministru Barbara u baqa hemm taht diversi Ministri ohra. Meta mbaghad inbidel il-Gvern gie trasferit ghal Dipartiment ta' l-Ambjent fejn ghal hdax il-sena shah m'ghamilx centezmu overtime. Kien kaz car ta' transfer motivat politikament li tellfu hafna snin ta' overtime.

Adrian Attard bhala rapprezentant tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali esebixxa diversi dokumenti dwar nies li kienu jahdmu mal-Ministeru ta' dak iz-zmien, l-performances u l-overtime li ghamel Grezzju Barbara, l-overtime, il-hinijiet, ir-rata u t-total tal-ammont ta' flus ta' Vincent Attard. Zied: "Mistoqsi Carmel Calleja qattx

kellu rapport negattiv fil-konfront tieghu meta kien jahdem fis-Social Assistance Section nghid li le ma kellux. Nghid li r-rikorrent kien assesur fis-Social Assistance Section u nghid li trid certa 'know how' tad-Dipartiment kif jahdem biex tkun taghmel dan it-tip ta' xoghol f'din is-section. Trid mill-inqas sitt xhur esperjenza biex tibda tkun taf ix-xoghol… Mistoqsi jekk ir-rikorrent kienx l-unika wiehed li kien gie trasferit minn din is-sezzjoni nghid li nista nikkonferma li Carmel Calleja kien l-unika wiehed li gie trasferit barra mid-Dipartiment, pero' ma nistax nghid jekk f'dan il-perjodu kien hemm xi ohrajn… Mistoqsi jekk Carmel Calleja kienx gie replaced minn xi hadd iehor meta kien gie trasferit nghid li mhiniex f'pozizzjoni li nirrispondi dwar dan."

Ikkunsidra

Illi dan l-ilment jirrigwarda trasferiment tar-rikorrent li kawza tieghu r-rikorrent tilef l-overtime. L-ewwel haga li trid tigi rilevata hi li l-overtime mhux xi dritt ta' kull haddiem izda jinghta lill-haddiema meta f'xi sezzjoni jkun hemm bzonn tieghu. Ma jidhirx li l-ilment tar-rikorrent hu bazat fuq li haddiema ohra fl-istess sezzjoni hadu l-overtime waqt li hu le, izda li fid-Dipartiment fejn spicca ma kienx hemm overtime.

Issa ghaliex inghata transfer ir-rikorrent. L-ewwel nett jinghad li r-rikorrent inghata transfer wiehed. Kawza ta' dan it-transfer ir-rikorrent ma spiccax f'xi post tax-xoghol tant ikrah bhal f'kazijiet ohra li dehru quddiem it-Tribunal fejn rikorrent spicca jahdem f'Cimiterju, barriera, jew drainage worker; lanqas ma spicca li fil-

post tax-xoghol spicca f'kundizzjonijiet ambjentali difficli bhal f'xi saqaf iqattar, jew f'xi kuidur;  lanqas ma spicca kif spiccaw haddiema ohra minghajr skrivanija, siggu, telephone.

Fil-verita' jidher li rikorrent inkwieta minhabba li tilef l-overtime. Issa huwa veru li hemm il-principju tal-mobilita' tas-servizz, u dan specjalment meta l-esigenzi tas-servizz hekk jirrikjedu.  Dawn l-esigenzi normalment iridu veru jezistu.  Pero' ghalkemm ma ghandux isiru transfers ghal ragunijiet politici, minn-naha l-ohra dan it-Tribunal jifhem li certi transfers f'posizzjonijiet delikati huma permissibli specjalment jekk ikun il-kaz li persuna ma tintbaghatx f'xi post hazin.  Zgur li t-Tribunal jifhem necessita' ta' transfer wara elezzjoni f'postijiet politikament sensittivi wara bdil ta' gvern bhal fil-kaz ta' segretarji privati ta' Chairmen u General Managers li jkunu tbiddlu.

Ir-rikorrent kien jahdem f'Ministeru – u cioe' post politikament sensittiv.  It-Tribunal ihoss li ma ssirx ingustizzja meta wara bidla ta' Gvern persuna li tkun tahdem f'Ministeru tigi trasferita ghal Dipartiment iehor, jekk specjalment isir transfer wiehed ghall-zmien twil, u jekk il-post fejn tispicca persuna ma jkunx f'ambjent difficli kemm minn-natura tieghu jew minhabba cirkostanzi ambjentali.

Ghal dawn il-motivi jilqa' l-eccezzjoni tad-Dipartiment ghall-Harsien Socjali.

Dwar l-eccezzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku li l-allegazzjoni u ilmenti tar-rikorrent ma ghandhom ebda relazzjoni ma' l-operat tal-Kummissjoni u din ma taf xejn dwarhom, dan hu evidenti ghax il-Kummissjoni ma tidholx fil-kwistjoni ta' transfers. Ir-rikorrent ma gab ebda prova dwar xi responsabbilta' anke remota tal-Kummissjoni. Ghalhekk jilqa' din l-eccezzjoni.

Dwar l-eccezzjoni tad-Direttur tal-Management and Personnel Office li t-talba hija intempestiva ma ingabet ebda prova dwar dan. Ir-rikorrent jekk deherlu li ghandu jipprocedi dwar l-ilment tieghu kellu terminu biex jagixxi fih. Ghalhekk jichad din l-eccezzjoni.

Dwar it-tieni eccezzjoni din hija milqugha.

Ghal dawn il-motivi jichad it-talba tar-rikorrent.

Dwar spejjez relattivi ghar-rikorrent, id-Direttur Dipartiment ghall-Harsien Socjali, u Direttur Management and Personnel Office spejjez bla taxxa. Dwar il-Kummissjoni ghas-Servizz Pubbliku spejjez kontra r-rikorrent.